MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1276/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marlene Vella u l-istess Marlene Vella**
**vs**
**Frangisku Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2004, fejn intqal :**
**Illi din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' seba' mija sebgha u tmenin lira tlieta u tmenin centezmu (Lm787.83) [in kwantu ghal sitt mija sebgha u erbghin lira tmienja u hamsin centezmu (Lm647.58) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal mija u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm140.25) lil Marlene Vella] minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara iz-Zejtun fil-11 ta' Novembru**

**2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru.FAW-663 habat mal-vettura Nru.GAM-227, propjeta' tal-attrici Marlene Vella u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-10 ta' Mejju, 2004, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odejrni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-10 ta' Mejju 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta' Settembru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut, izda b'tort tas-sewwieq l-iehor involut fl-istess incident, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ikun kkundannat ihallas ebda danni.**
**F'kull kaz, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom.**
**Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1448 Victor Buttigieg, Joe Mula, Marlene Vella u Frangisku Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-kaz in kwistjoni jirigwarda kollizzjoni illi sehhet fil-11 ta' Novembru, 2003, fit-Triq ic-Cawsli, Zejtun. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu dik bin-numru GAM-227 misjuqa minn Marlene Vella u l-vettura numru FAW-663 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Fir-road accident report Dok A, l-attrici stqarret illi kienet gejja mid-direzzjoni taz-Zejtun, mixja fid-direzzjoni taz-Zabbar, meta l-konvenut hareg minn**

**side street, ippruvat tevita l-impatt, pero' xorta sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenut da parti tieghu jammetti illi hareg mis-side street u li kien hemm trakk parkeggat mal-genb tat-triq u ghalhekk ma rax lill-attrici gejja, bil-konsegwenza li habat maghha.**

**3. Dak illi qalet l-attrici ezatt wara li sehh l-incident jinsab koloborat fid-deposizzjoni taghha. Hi sostnit illi l-konvenut hareg minn fuq ix-xellug taghha u hi tajt « wnet strait across ». Skond ma xhedet hi faccata tas-side street hemm rampa fis-central strip u l-konvenut ipponta lejn ir-rampa. Tikkonferma li kien hemm trakk ipparkjat fuq il-lemin ta' min hireg mis-side street, kif indikat fid-Dok B esebit immarkat bil-marka 'X'. L-attrici kellha hsarat fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin, u kif indikat fir-ritratti Dok Z1 u Dok Z2 esebiti. L-attrici qablet mal-brake marks indikati fl-iskizz.**

**4. Frangisku Spiteri xhed illi meta kien wasal fit-tarf tat-triq li minnha kien hireg, waqaf u hares lejn il-lemin u ma ra xejn gej. Il-konvenut jispjega li kien hem mit-trakk ipparkjat fuq in-naha tal-lemin, li kien jostakolalu l-vizwali xi ftit u ghalhekk kellu jisporgi aktar fit-triq. Skond l-istess konvenut l-attrici giet b'velocita qawwija.**

**5. Is-surgent PS1448 Victor Buttigieg ikkonferma illi fis-central strip hemm konkos li jifforma rampa biex wiehed jista jaqsam l-imsemmija central strip, pero' l-istess Surgent ma kienx f'pozizzjoni li jghid jekk dan sarx mill-Awtoritajiet jew le.**

**6. Kif ritenut fil-kawza l-Pulizija vs Anthony Galea Vol.XXXVII. P.IV p.1137., minn hireg minn side road ghandu jara u jassigura ruhu li jaghmel t-tali manuvra minghajr ma jkun ta' perikolu ghat-traffiku ghaddej fit-triq pirncipali. Fil-kawza Alexander Bartolo vs Kalcidon Micallef deciza fis-16 ta' Frar, 1973, (Onor. V.R. Sammut) gie ritenut illi « Spiss wisq qieghed jigri illi side road users jaqbdu jaqsmu il-linja tat-traffiku ghaddeja mit-triq principali bhal li keku huma u mhux l-utenti ta' din it-triq imisshom id-dritta ». Il-fatt illi l-attrici kienet ghaddeja b'certa velocita, kif del resto jindikaw il-brake marks li halliet ma ghandux ikun determinanti f'dan il-kaz, ghad-determinazzjoni tal-**

htija. Vide f'dan ir-rigward il-kawza l-Pulizija vs Guze Tanti, deciza fis-16 ta' Jannar, 1937, fejn saret distinzzjoni bejn dak li hu speed eccessiv u speed perikoluz.

7. Tenut ta' dan kollu t-Tribunal huwa tal-fehema li l-konvenut mhux biss ma wzax id-debita diligenza waqt li kien hireg fil-main road, izda dan minflok ma mexa lejn ir-roundabout kif messu ghamel, aktar u aktar in vista tal-fatt li kien hemm trakk jostakolalu l-vizwali, dan addirittura baqa' hiereg biex jaqsam il-linja tat-traffiku principali, linja tat-traffiku minn fejn bid-dritta kienet ghaddeja l-attrici. Ghalkemm l-attrici zammet il-brake xorta sehhet il-kollizzjoni, pero' il-fatt li l-attrici kienet ghaddeja b'certa velocita' ma kienetx il-kawza prossima tal-kollizzjoni ghalkemm definitivament kien hemm element ta' kontributorjeta'. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal, qed jalloka tlett kwarti tar-responsabbilita tal-akkadut lill-konvenut u kwart lill-attrici.

8. Id-danni reklamati jirrizultaw fl-ammont mitlub mid-dokumenti esebiti Dok JM1 sa Dok JM9, u konsegwentament il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disghin lira maltija u hamsa u ghoxrin centenzmu (Lm590.25c).

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta' tlett kwarti, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' erba' mija u hamsin lira (Lm450.00), u lill-attrici Marlene Vella s-somma ta' mija u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm140.25c), ilkoll bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum sad-data al-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-10 ta' Mejju, 2004, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odejrni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------